Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Mejju 2024**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0116(NLE)**

**10304/24**
**ADD 1**

**AVIATION 86**
**ICAO 16**
**RELEX 703**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 211 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-ICAO, rigward id-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' "Anness IV dwar il-Bini tal-Kapaċitajiet, l-Assistenza Teknika, u l-Appoġġ għall-Implimentazzjoni" tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa<br>- Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-ICAO. |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 211 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 211 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2024
COM(2024) 211 final

ANNEX – PART 1/2

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-ICAO, rigward id-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta’ "Anness IV dwar il-Bini tal-Kapaċitajiet, l-Assistenza Teknika, u l-Appoġġ għall-Implimentazzjoni" tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa**

MT MT

# <u>ANNESS</u>

Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-ICAO

ta' .........

rigward l-adozzjoni ta' Anness IV dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO,

Wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa (il-Memorandum ta' Kooperazzjoni), li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 7.3(c) tiegħu,

Billi jixraq li jiġi inkluż Anness dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni fil-Memorandum ta' Kooperazzjoni, fl-oqsma koperti minn dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'dan, l-Anness ta' din id-Deċiżjoni huwa adottat u għandu jifforma parti integrali mill-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Għall-Kumitat Konġunt UE-ICAO Il-Presidenti*

*Għall-Unjoni Ewropea* *Għall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali*